# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 22**

**Rikors numru 25/20/1 AF**

**Lee David u Nicholas aħwa Camilleri**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat, u b'digriet tas-17 ta' Settembru 2020 ġie msejjaħ fil-kawża Peter Camilleri**

1. Ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-18 ta' Mejju 2022 li rrifjutat li tikkonsidra l-mertu tal-ilmenti għaliex ikkonkludiet li r-rikorrenti kellhom rimedji ordinarji li setgħu jipproponu.

**<u>Preliminari</u>**

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża huma dawn:

2.1. Fid-9 ta' Settembru 2015, l-intimat Camilleri fetaħ kawża (60/2015BS) kontra r-rikorrenti Camilleri u talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi l-konvenuti qieghdin jokkupaw il-fond maghruf bhala Dwejra Kiosk fil-Pjazza tad-Dwejra, Triq il-Gebla tal-General, fil-bajja tad-Dwejra, fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex minghajr ebda titolu validu fil-ligi u/jew kontra r-rieda ta' l-attur.*
>
> *2. Tiddikjara illi l-attur huwa intitolat jirriprendi l-pussess ta' dan il-fond ossia negozju;*
>
> *3. Tordna lil konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw mill-fond definittivament u jhalluh ghal-liberta dispozizzjoni mhux imxekkla tal-attur ..."*

2.2. Fl-14 ta' Marzu 2018, l-istess Camilleri talab lil dik il-Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra r-rikorrenti sabiex jinżammu milli jbiegħu/jittrassferixxu/jiddisponu: (i) terz indiviż mil-lok ta' dar ġewwa Triq Duru, in-Nadur Għawdex; u (ii) terz indiviż minn porzjon art magħrufa bħala 'Ta' Majza' wkoll fin-Nadur Għawdex (Mandat ta' Inibizzjoni numru 15/2018) in kawtela ta' kreditù ta' *"sittin elf euro (€60,000), danni ulterjuri riservati"*[1]:

> *"... Dan peress illi l-intimati huma debituri fil-konfront tar-rikorrent għal danni li għadhom mhux likwidati naxxenti minn fatt fejn l-intimati qed iżommu f'idejhom b'mod abbużiv bla ma joperaw gabbana fid-dwejra magħrufa bl-isem 'Dwejra Kiosk', dan mingħajr titolu validu fil-liġi u l-esponenti qed ikun imċaħħad minn l-operat tagħha, b'telf ta' introjtu sostanzjali, liema danni sa issa diga laħqu l-ammont ta' sittin elf Euro (€60,000). Dawn iż-żewġt proprjetajiet huma l-uniċi assi li għandhom l-intimati u jekk jinbiegħu l-pretensjonijiet tar-rikorrent jibqgħu mhux kawtelati ..."*

[1] Fol. 55 *overleaf.*

2.3. B'digriet mogħti fit-13 ta' April 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat għaliex *prima facie* kienet sodisfatta li Peter Camilleri kellu pretensjonijiet li jeħtieġu jiġu kkawtelati[2];

2.4. Fit-23 ta' April 2018 l-intimat Peter Camilleri fetaħ kawża (36/2018SG) għall-jedd pretiż minnu fl-imsemmi mandat.[3] Madankollu, il-Qorti ordnat soprasessjoni sakemm tkun deċiża l-kawża numru 60/2015;[4]

2.5. Fil-21 ta' Mejju 2019 ir-rikorrenti flimkien mal-komproprjetarji l-oħra daħlu f'konvenju ma' terz għall-bejgħ tal-art milquta bil-Mandat ta' Inibizzjoni numru 15/2018 għall-prezz ta' €530,000. Sehem ir-rikorrenti fuq l-att relattiv kellu jkun €176,666.66[5];

2.6. Permezz ta' rikors ippreżentat fis-17 ta' Diċembru 2019 ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri sabiex tawtorizzahom ibiegħu l-istess proprjetà b'dan li s-somma ta' €60,000, mertu tal-mandat ta' inibizzjoni, tkun depożitata fil-Qorti;[6]

---

[2] Fol. 66 – 67.
[3] Fol. 84 *et seq*.
[4] Fol. 98.
[5] Fol. 69.
[6] Fol. 68 *et seq*.

2.7. B'digriet mogħti fit-22 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri ċaħdet it-talba għaliex fil-mandat ġew riżervati danni ulterjuri oltre l-kreditù ta' €60,000, u fil-kawża t-talba kienet għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni;[7]

2.8. Fis-27 ta' Jannar 2020 il-konvenju għall-bejgħ tal-art milquta bil-mandat ġie estiż sal-aħħar ta' Jannar 2021.[8] Fis-16 ta' Diċembru 2020 sar konvenju ġdid għall-bejgħ tal-istess art din id-darba għas-somma ta' €650,000.[9]

3. Fl-4 ta' Frar 2020 ir-rikorrenti ppreżentaw il-kawża tal-lum li biha qegħdin jilmentaw li l-mandat ta' inibizzjoni qiegħed iżommhom milli jgawdu l-proprjetà tagħhom, li għandha valur tliet darbiet iktar mill-ammont pretiż mill-intimat. Isostnu li dan imur kontra l-ġurisprudenza tal-qrati Maltin u sakemm jibqa' fis-seħħ dan il-mandat hemm leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja. Għalhekk talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara illi fic-cirkostanzi fuq indikati l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 15/2018 fl-ismijiet Peter Camilleri vs Lee David u Nicholas ahwa Camilleri qieghed jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà kif sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar*

[7] Fol. 83.
[8] Fol. 46.
[9] Fol. 50.

*Drittijiet tal-Bniedem ghax huma qed jigu pprivati mit-tgawdija pacifika tal-possediment ta' din il-proprjetà taghhom hekk kif fuq inghad.*

*2. Konsegwentement tipprovdi rimedju inkluz fil-hlas ta' kumpens xieraq".*

4. Permezz ta' tweġiba preżentata fl-24 ta' Frar 2020 l-Avukat tal-Istat *inter alia* wieġeb illi:

*"1. Qabel xejn, ir-rikorrenti messhom dahhlu f'din il-kawza lil Peter Camilleri, la darba b'rihet ta' din l-azzjoni huma qeghdin jattakkaw iz-zamma ta' mandat ta' inibizzjoni li nhareg fuq talba ta' dan Peter Camilleri.*

*2. In limine litis ukoll, jekk kemm il-darba r-rikorrenti ma kienux qeghdin jaqblu ma' xi digriet li awtorizza l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, allura huma messhom fethu kawza civili b'rikors mahluf kontra Peter Camilleri biex iwaqqghu dak il-provvediment u mhux idahhlu lill-Gvern f'kawza kostituzzjonali/konvenzjonali. Dwar dan il-punt, huwa mizmum fil-gurisprudenza taghna li digriet li jichad il-hrug ta' kontro-mandat jista' jigi imwaqqa' b'rikors mahluf (ara inter alia* ***Paul Tanti pro et noe et vs. Sammy Mifsud et nomine*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 2001).*

*B'rabta ma' dan, lanqas ma hi haga sewwa li r-rikorrenti jippretendu li ghandhom jigu kkumpensati mill-Istat Malti minhabba z-zamma fis-sehh ta' mandat ta' inibizzjoni, meta huma jigu jistghu jinqdew bl-****artikolu 837(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta*** *u bl-****artikoli 1030 u 1031 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta*** *sabiex jigu mhallsa ghal danni li jghidu li garrbu minhabba l-hrug u z-zamma tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*Billi ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom f'idejhom rimedji ordinarji biex jikkontestaw iz-zamma tal-mandat ta' inibizzjoni u biex jigu kkumpensati ghall-hsara li qed jghid li garrbu, huwa l-kaz li din l-Onorabbli Qorti toqghod lura milli tinqeda bis-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha skond l-****artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni*** *u l-proviso tal-****artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta****".*

5. Fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2020 issejjaħ fil-kawża Peter Camilleri[10] li wieġeb fit-22 ta' Diċembru 2020[11]. *Inter alia* eċċepixxa li: il-

[10] Fol. 20.
[11] Fol. 31.

Qorti għandha tiddeklina milli teżerċità l-poteri tagħha għaliex ir-rikorrenti għandhom rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tagħhom; u li din il-kawża mhi xejn ħlief abbuż ta' proċedura billi r-rikorrenti qegħdin jittentaw jużawha bħala forma ta' appell / reviżjoni mid-digriet kawtelatorju maħruġ kontrihom '*mentri skont l-artikolu 836(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma kellhom ir-rimedju ta' appell ordinarju u dan naqsu milli jagħmluh*'.

6. Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021[12] ġie vverbalizzat illi: (i) fis-27 ta' April 2021 ġiet deċiża l-kawża 60/2015, li ordnat l-iżgumbrament tal-konvenuti (illum rikorrenti) mill-*mobile kiosk* mertu tal-vertenza; u li (ii) minnha ma sar l-ebda appell u allura din għaddiet ġudikat. L-avukati tal-partijiet iddikjaraw ukoll li wara dik id-deċiżjoni, il-partijiet bdew jiddiskutu l-possibbilità ta' transazzjoni fir-rigward tal-kawża 36/2018.

7. B'sentenza mogħtija fit-18 ta' Mejju 2022 ("sentenza appellata") l-Ewwel Qorti ddeċidiet li:

> *"tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat u mill-imsejjaħ fil-kawża billi jirrizulta li r-rimedji ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti għadhom ma ġewx eżawriti. Tilqa' wkoll l-eċċezzjoni tal-intimat u tal-imsejjaħ fil-kawża fis-sens illi azzjonijiet kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex iservu ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati ordinarji.*
>
> *Konsegwentement, teħles lill-intimat u lill-imsejjaħ fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *L-ispejjez jitħallsu mir-rikorrenti".*

[12] Fol. 102.

8. Sa fejn rilevanti għal dan l-appell, il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu s-segwenti:

> *"Huwa ċar li r-rikorrenti qegħdin, permezz ta' din il-kawża, sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti sabiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri li jilmentaw dwarhom għaliex ma qablux mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti. Iżda l-proċedura korretta ċertament mhijiex li jiftħu kawża kostituzzjonali bħal donnu kull min ma jaqbilx ma' deċiżjoni tal-Qorti b'daqshekk ikun ġie leż xi dritt fundamentali tiegħu.*
>
> *Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 m'humiex intiżi biex jerġa' jiġi eżaminat il-mertu ta' proċeduri oħra, iżda se mai huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali fil-kors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri.*
>
> *Huwa paċifiku li rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji u meta hemm soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel mal-Istat, jiġi akkużat bi ksur ta' drittijiet fundamentali. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin meta liċ-ċittadin ikunu provduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu (Alexander Barbara vs L-Avukat Ġenerali, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Novembru 2018).*
>
> *Kif sewwa jeċċepixxi l-Avukat tal-Istat, jekk ir-rikorrenti ma qablux mad-digriet tal-Qorti għax skont huma ġew milquta ħażin miż-żamma fis-seħħ tal-mandat, kien imisshom fetħu kawża ad hoc għad-danni kontra l-persuna li fuq talba tagħha nħareġ il-mandat jew inqdew bil-proċedura skont l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 u mhux jippruvaw jinqdew b'kawża kostituzzjonali".*

9. Permezz tal-appell in disamina, preżentat fit-8 ta' Ġunju 2022, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti:

> *"tħassar is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2022 u tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad l-eċċeżżjonijiet kemm tal-konvenuti u kemm tal-kjamat in kawża bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom jew min minnhom".*

10. Kemm l-Avukat tal-Istat, kif ukoll il-kjamat in kawża, wieġbu illi l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

11. Il-mertu ta’ dan l-appell huwa jekk l-Ewwel Qorti eżerċitatx id-diskrezzjoni tagħha tajjeb meta rrifjutat li teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha.

12. Ir-rikorrenti jibdew ifissru l-aggravju tagħhom billi jsostnu illi l-ġurisprudenza kkwotata mill-Ewwel Qorti kienet fil-kuntest tad-dritt għal smigħ xieraq, mhux tad-dritt għall-possediment u proprjetà ta’ dak li jkun. Jisħqu li, kuntrarjament għal dak deċiż, huma mhumiex jitolbu li din il-Qorti tirrevedi d-deċiżjoni tal-Qorti ordinarja, għalkemm jekk hemm bżonn trid tirrevediha, iżda jekk l-effett ta’ dik id-deċiżjoni huwiex leżiv għad-drittijiet fundamentali tagħhom. Jinsistu għalhekk li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa’ l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat u l-imsejjaħ fil-kawża. F’dan ir-rigward għamlu referenza għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim’Awla fil-kawża **<u>Kate Sullivan et v. l-Onor. Prim Ministru et</u>**, deċiża fid-29 ta’ April 2014.

13. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

> *“(2) ...........*
>
> *Iżda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f’kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra”.*

14. L-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 huwa sostanzjalment l-istess bid-differenza li l-*proviso* jirreferi għal *"xi liġi ordinarja oħra"*.

15. L-ilment tar-rikorrenti hu dwar ksur ta' jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom, minħabba l-mandat ta' inibizzjoni.

16. Skont is-sentenza appellata r-rimedji disponibbli għar-rikorrenti huma: (i) kawża għad-danni kontra l-persuna li fuq talba tagħha nħareġ il-mandat; jew (ii) proċedura skont l-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12.

17. Ir-rikorrenti jargumentaw:

> *"X'rimedju hemm minn Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju għajr dak li joqgħod jistenna l-kawża fil-mertu tinqata' inkella jistitwixxi kawża oħra għar-revoka tal-mandat contrario mperio? Imma sa dan it-tant ir-rikorrenti jinsab privat mid-disponibbilità ta' ħwejġu meta l-kreditur ingħata garanzija suffiċjenti tal-pretensjonijiet tiegħu. Il-mandat ta' Inibizzjoni nħareġ fl-ammont ta' €60,000 mentri r-rikavat mill-propost bejgħ kien ta' €176,666.66. Huwa ovvju li l-fatt li r-rikorrenti qed jiġu mċaħħda rraġenevolment u illoġikament għad-differenza bejn ir-rikavat u l-ammont kawtelat huwa privazzjoni mit-tgawdija tal-possediment tagħhom bl-aktar mod lampanti.*
>
> *... biex xi ħadd li għamel proċeduri legali jinsab responsabbli għad-danni dawk il-proċeduri legali iridu jkunu frivoli u vessatorji u li l-ebda persuna raġenevoli ma kienet se tasal biex tagħmilhom. Il-fatt li dak li jkun jitlef il-kawża jew il-pretensjoni tiegħu ma tiġix milqugħa ma jfissirx illi b'daqshekk sar passabbli għad-danni ..."*

18. Hu fatt li r-rimedji ordinarji li għalihom irreferiet l-Ewwel Qorti huma għad-danni u mhux biex jitneħħa l-mandat ta' inibizzjoni. Ovvjament, l-interess tar-rikorrenti hu li jitneħħa l-mandat sabiex ikun jista' jsir il-bejgħ.

19. Fit-tweġiba tiegħu għar-rikors l-Avukat tal-Istat invoka rimedju ieħor, *ossija* li digriet li jiċħad il-ħruġ ta' kontromandat jista' jiġi mwaqqa' b'rikors maħluf. Il-kjamat in kawża fir-raba' eċċezzjoni jsostni li dawn il-proċeduri mhuma xejn ħlief abbuż ta' proċedura billi r-rikorrenti qegħdin jittentaw jużawha bħala forma ta' appell / reviżjoni mid-digriet kawtelatorju maħruġ kontrihom '*mentri skont l-artikolu 836(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma kellhom ir-rimedju ta' appell ordinarju u dan naqsu milli jagħmluh'.*

20. L-Artikolu 836(5) tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

> *"(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors".*

21. Din il-Qorti m'għandhiex bżonn tiddeċiedi dwar jekk id-digriet għandux jiġi kontestat permezz ta' appell jew kawża. Il-fatt jibqa' li r-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju.

22. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti tikkonkludi li l-Ewwel Qorti setgħet tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha, peress li kien u għadu jeżisti mezz xieraq ta' rimedju għall-ilment tar-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm